MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 3/2014

**Liliana Grima**
**K.I. 513179(M)**

**Vs**

**Christopher Grima**
**K.I.292676M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Jannar, 2014 fejn l-attrici qed titlob illi l-konvenut gie ordnat b'digriet moghti fis-27 ta' Mejju, 2011 fl-atti tal-kawza ta' separazzjoni fl-istess ismijiet (86/11 AL) sabiex jhallas nofs l-ispejjes tas-sahha u l-edukazzjoni ta' Amy Grima, bint il-kontendenti; illi mis-27 ta' Mejju, 2011 sal-31 ta' Ottubru, 2013 tali spejjes ammontaw ghal elfejn mija sebgha u hamsin ewro u sittin centezmu (€2,157.60) b'mod illi s-sehem il-konvenut mill-istess huwa ta' elf tmienja u sebgha ewro u tmenin centezmu (€1,078.80). Il-konvenut ma hallas l-ebda ammont.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fejn eccepixxa illi:

1. Illi l-attrici qatt ma kkonsultat lill-konvenut dwar l-infieq riferenzjat minnha.

2. Illi hija tenuta li turi u tiddettalja n-natura ta' l-istess infieq.

3. Illi minghajr prejudizzju ghall-premess, l-attrici hija debitrici certa u likwida versu l-konvenut in rigward ta' spejjes gudizjarji.

Xehdet l-attrici li pprezentat ir-ricevuti u spjegat illi hija qed titlob spejjez li ghamlet ghat-tifla fir-rigward medicina u dan minhabba kundizzjoni f'ghajnejha li twieldet biha kif ukoll mard iehor li jaqbadha minn zmien ghall zmein. It-Tifla tehodha ukoll ghal gymnastics u swimming u summer school.

Ipprezentat rendikont ta' x'nefqet ghat-tifla li s-sehem tal-missier jammonta ghal elf tmienja u sebgha ewro u tmenin centezmu (€1,078.80). Il-konvenut min-naha tieghu oggezzjona ghat-talbiet ta' flus li ma jammontawx ghal edukazzjoni u sahha.

It-Tribunal wara li ra r-ricevuti b'reqqa jidher illi huwa tal-fehma 'lli huwa veru li hemm infieq li jista jigi evitat. Per ezempju li tibghat tifla ta' sitt snin ghal summer revision hija eccessiva. Rigward attivitajiet ohra extra kurrikulari bhal swimming, summer classes u gymnastics, dawn la darba ma jaqblux iz-zewg partijiet u ma jittrattawx parti mill-edukazzjoni allura ma ghandux ihallas ghalihom il-missier. Spejjez ohra ghand spizjar illi juru "foods" lanqas ghandhom jintalbu minghand il-missier. Filwaqt illi jinxtara sports shoes li jiswa iktar miz-zarbun tal-iskola dan juri nuqqas ta' maturita' fl-infieq.

It-Tribunal wara li naqas infieq ghal dan imsemmi huwa tal-fehma li sehem il-missier huwa dak ta' tmien mija u sbatax-il ewro u sebghin centezmu (€817.70). L-ammont imnaqsin huwa ta' mija u ghaxar ewro (€110), tletin ewro (€30) mis-sena 2011 tnax-il ewro tnejn u hamsin centezmu (€12.52), sitt ewro erbgha u tletin centezmu (€6.34), tnax-il ewro tmienja u tletin centezmu (€12.38), sitt ewro u tlieta u erbghin centezmu (€6.43) u hamsa u disghin centezmu (€95) mis-sena 2012 sebgha ewro u centezmu (€7.01), hames ewro u disgha u disghin centezmu (€5.99), hmistax-il ewro u sebghin centezmu (€15.70), tnax-il ewro disgha u sebghin centezmu (€12.79), erbatax-il ewro tnejn u erbghin centezmu (€14.42), wiehed u tletin ewro (€31), sitta u disghin ewro (€96) u sitta u erbghin ewro (46) mis-sena 2013.

It-Tribunal ha in konsiderazzjoni illi l-konvenut ghandu jiehu tliet mija tmienja u tmenin ewro (€388) minghand il-attrici u dan skont taxxa tal-Qorti ghalhekk jilqa' it-talba tal-attrici limitatament

ghall-ammont ta' erbgha mija disgha u ghoxrin ewro u sebghin centezmu (€429.70) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu tnejn minn hamsa (2/5) mill-attrici u tlieta minn hamsa (3/5) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------